MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 836/2001/1

**Bank of Valletta Plc**

**Vs**

**Stephen Bonnici**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm350.00c (tlett mija u hamsin lira Maltin) dovut in konnessjoni ma' kambjali esebiti ma' l-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut li qal li kellhom jigu kjamati fil-kawza R. Alosio u A. Chetcuti bhala likwidaturi ta' Daewoo Malta Ltd.

Il-konvenut ecepixxa wkoll li mhux minnu li l-konvenut ghandu jaghti xi ammont kif qieghed jigi pretiz stante li hu kien hallas kull debitu li setgha kien hemm.

Sema’ x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkunsidra li skond kuntratt esebit a fol. 18 sa 21 tal-process il-konvenut xtara mutur minghand UCA Co. Ltd ghal prezz ta’ Lm845.00c (tmien mija u hamsa u erbghin lira Maltin). Il-konvenut ghamel depositu ta’ Lm250.00c (mitejn u hamsin lira Maltin) u obbliga ruhu li jhallas Lm707.00c (seba’ mija u sebgha liri Maltin) ta’ sittin (60) instalment ta’ Lm350.00c (tlett mija u hamsin lira Maltin) u imghax ta’ 8.5%.

Illi gew esebiti ghaxar (10) kambjali ffirmati mill-konvenut fejn l-istess konvenut obbliga ruhu li jhallas Lm35.00c (hamsa u tletin lira Maltin) f’kull skadenza kif jidher mill-istess kambjali.

Il-konvenut xehed li hu kien hallas Lm300.00c (tlett mija Maltin) lil Daewoo li ma jidhirx fil-kont ta’ Bank of Valletta. Il-konvenut qal “nghid li thallas l-ammont ta’ Lm350.00c (tlett mija u hamsin lira Maltin) lil Daewoo”.

Dr Andrew Chetcuti Ganado xehed li huwa wiehed mill-likwidaturi ta’ Paola Motors Limitde qabel Paola Motors Limited kienet jisimha Daewoo Malta Limited u qabel Universal Agency Company Limited.

Dr Chetcuti Ganado esebixxa l-istatemnet tal-kont tal-konvenut. Illi l-konvenut ghamel depositu ta’ Lm250.00c (mitejn u hamsin lira Maltin) u l-bilanc dovut minnu gie maqsum f'erbgha u ghoxrin (24) kambjala ta' Lm35.00c (hamsa u tletin lira Maltin) il-wahda.

Illi l-bills gew “discounted” mas-socjeta’ attrici.

Ikkunsidra li l-konvenut qieghed jecepixxi pagament u ghalhekk huwa d-dover tieghu li juri li huwa hallas l-ammont mitlub minnu.

Illi jirrisulta li l-konvenut kellu jhallas erbgha u ghoxrin (24) kambjala ta’ Lm35.00c (hamsa u tletin lira Maltin).

Dan jaghti total ta' Lm840.00c (tmien mija u erbghin lira Maltin) u dan apparti d-depositu ta' Lm250.00c (mitejn u hamsin lira Maltin) li kien hallas fil-bidu.

Illi mill-bank statements esebiti mill-konvenut a fol. 28 sa 37 jirrisulta li kien hemm disgha (9) pagamenti ta' Lm35.00c (hamsa u tletin lira Maltin) u pagament wiehed ta' Lm150.00c (mija u hamsin lira Maltin). Dan jaghti total ta' Lm465.00c (erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin). Ghalhekk fadal il-bilanc ta' Lm375.00c (tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin).

Illi l-konvenut m'irnexxilux jipprova li hallas l-ammont kif imsemmi fil-kambjalijiet esebiti.

Illi dwar id-dokument SB2 esebit a fol. 42 tal-process. Jidher li meta l-kambjalijiet gew skontati mal-Bank of Valletta u ghalhekk hemm nota ta' kreditu ta' Lm805.00c (tmien mija u hames liri Maltin) fil-kont ta' Daewoo. Mhux ghaliex il-konvenut hallas dan l-ammont.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenut u jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm350.00c (tlett mija u hamsin lira Maltin) flimkien mal-imghax legali mit-30 t'Ottubru, 1999 sal-jum tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------